MINUTI

KUNSILL LOKALI FONTANA

ID-DISA' LEĠIŻLATURA

**Laqgħa Numru 30**

**l-Erbgħa, 25 ta' Marzu 2026**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Komunità tal-Kunsill Lokali, nhar il-Erbgħa, 25 ta' Marzu 2026 fis-6:30 ta filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Thomas Mizzi – Sindku
Is-Sinjura Ivana Mizzi – Viċi Sindku
Is-Sur Joseph Mercieca – Kunsillier
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Carmelo Micallef – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Loretta Cauchi – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti;**

Is-Sindku s-Sur Thomas Mizzi ippresjeda l-laqgħa.

**30.1 Talba;**

30.1.1 Il-laqgħa bdiet fit-06:30 ta filgħaxija, bi qbil unanimu bejn il-membri intqagħlet it-talba tal-bidu.

**30.2 Qari tal-ittri t'apoloġija;**

30.2.1 Għal din il-laqgħa ma kienx hemm ittri t'apoloġiji peress li l-membri kollha kienu prezenti.



*Kunsill Lokali Il-Fontana, Multipurpose Room, l-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku, Triq Ta' Mulejja, il-Fontana FNT30.10, Għawdex*
*Tel: 25558877 / Email: fontana.lc@gov.mt / Website:www.fontanagozo.com*

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

**30.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

30.3.1 Il-minuti tal-laqgħa bin-numru 28 u 28 ġew ċirkulati u moqrija.

30.3.2 Is-sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezjonjijiet għall-minuti.

30.3.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Dawk preżenti kienu favur u dawn il-minuti ġew approvati u iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**30.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;**

30.4.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 23/2026 għall-perjodi bejn is-19 ta' Frar u il-25 ta' Marzu 2026 li tammonta għal €30,078.00 ġiet approvata u iffirmata.

**30.5 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

30.5.1 Is-Sindku, is-Sur Thomas Mizzi, xtaq jiddiskuti is-stiwazzjoni ta sewqan eċċessiv fit-triq Qalb ta' Ġesu'. U xtaq jiddiskuti biex jara x' jista jsir. Wara li xi proposti ġew evalwati, ġie deċiż li nikkonfermaw ma TM x' inhu l-*speed limit* ta din it-triq u tiġi mizbugħa f'din it-triq.

**30.6 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera;**

30.6.1 Il-Viċi Sindku, Ivana Mizzi xtaqet twassal l-ilmenti li resqulha ir-residenti dwar ir-*railing* tat-taraġ li jwassal għal taħt ir-railing. Is-Sindku infurma li f'din il-laqgħa is-Segretarju se tkun qed tressaq l-istimi biex jiġu ikkunsidrati u jekk ikunu approvati jkun jista' jinbeda ix-xogħol fuqhom.

30.6.1.1 Il-Viċi Sindku resqet ukoll għad-diskussjoni il-punt dwar l-inkonvenjent li qed jinħoloq kull meta tingħalaq il-parti ta fuq ta' Triq tal-Għajn. Issemma kif minn jidħol minn Pjazza San Franġisk lejn Triq il-Vajringa biex jidħol minn din il-parti ta Triq tal-Għajn qed ikollu jerġa jdur lura u jieħu triq biex jasal fil-Fontana. Wara diskussjoni ġie deċiż li tiġi implimentata kundizzjoni fis-sistema tal-permessi meta jkun hemm permess f'din il-parti tat-Triq. Ġie irrakomandat li l-kuntrattur jintalab li jagħmel tabella fuq il-bankina qabel tidħol fi Triq il-Vajringa li turi li it-triq għal-Fontana hi magħluqa.

30.6.2 Il-Kunsillier Joseph Mercieca resaq proposta li l-*STOP* sign li hemm mizbgħua fl-art fit-tarf ta Triq il-Qalb ta'Ġesu tiġi estiża biex tkopri it-triq kollha mhux fuq ġemb wieħed kif qeda fil-prezent. Il-membri qablu unanimament li hekk kif ikun hemm permess f'dik it-triq issir dan ix-xogħol.

**30.7 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti u materji oħra;**

30.7.1 Is-Segretarju infurmat lill membri li l-Kunsill Fontana għandu possibilità ta ġemellaġġ ma Atiliano li jinsab fl-Umbria, l-Italja. Din il-possibilita toffri finanzjament ta madwar €25,000 li minnhom irridu jitnaqqsu 5% lil kumpanija ACe20 u 5% lil Valerie Cassar Meilaq li ser ikun qed jikkordinaw il-proċess neċċesarju biex jitwettaq dan il-ġemelaġġ. Il-membri ikkonfermaw li huma jixtiequ ħafna li dan issir u urew ix-xewqa li l-iskambju jsir fil jiem tal-festa 2027. Is-Segretarju spjegat il ftit informazzjoni li għandha u li se tkun qed taġġorna b'aktar informazzjoni hekk kif tkun qed tikkonferma li l-Kunsill interessat.

30.7.2 Is-Segretarju resqet għall-approvazzjoni tal-membri l-istimi miġbura għar-*railing* tat-taraġ u tar-rampa ta *taħt ir-railing*. Is-Segretarju infurmat lill membri li dawn ma kienux ikkalkulati mal-proġett u għalhekk ser jitħallsu mill-fond tal-kunsill. Il-membri approvaw l-istimi u għalhekk talbu lis-Segretarju jagħti approvazzjoni biex ix-xogħol jibda.

30.7.3 Is-Segretarju informa lill membri li Ġanni Galea ressaq ilment lill Kunsill li waqt li kien għaddej il-proġett ta *Taħt ir-Railing* ġarrab xi ħsara fil post tiegħu. Hi infurmat li hu kien ukoll kellem lis-Sindku dwar dan u bgħatna l-informazzjoni li kelna lil perit tal-kuntrattur li nfurmana li dik taqa taħt ir-responsabilta tal-kunsill. Wara diskussjoni ġie deċiż li nieħdu parir mingħand l-avukat tal-kunsill dwar dan il-fatt. Hi ser tkun qed taġġorna lil membri bl-informazzjoni li tkun kisbet.

30.7.4 Is-Segretarju talbet lil-membri biex titieħed deċiżjoni jekk jinbidlux is-sinjali tat-traffiku li hemm f'Wied Siekel. Hi semmiet kif ilment li kellna minn resident dwar sewqan, etc ma jistax jiġi ikkoreġut mill-pulizija peress li s-sinjali li hemm ma humiex konformi mal-liġi. Ġie deċiż li nistaqsu lil TM biex jigwidawna u nibdlu is-sinjali.

30.7.5 Is-Segretarju xtaqet taġġorna lill membri fuq is-sitwazzjoni tal-*Permit B*. Hi ikkonfermat wara diskussjoni mal-LESA li l-kunsill jista joħroġ permess temporanju għal min ikun qed jagħmel xogħol f'xi residenza. Dan il-permess ser ikun fih miktub bl-aħmar li hu permess temporanju.

Ħaġa oħra li ġiet issugerita hi li l-permessi jiġu iffirmati u biex jonqos il-possibilita' li jiġu ikupjati hu irrakomandat li jiġu laminated.

30.7.6 Is-Segretarju ippreżentat tlett kontijiet tal-kumpanija Infinite Fusion li qed juru bilanċ pendenti minn naħħa tagħna. Dan il-bilanċ hu ta €4,248.00 li huma kontijiet tas-sena 2021,2022 u 2023. Wara diskussjoni ġie deċiż li dawn il-kontijiet ma jitħallsux peress li ma hemm ebda korrispondenza dwar dan is-servizz ofrut u li ma kien hemm ebda korrispondenza li kien hemm xi kontijiet pendenti. Huma ħadu dan il-pass peress li biex dawn ma tħallsux qabel seta kien hemm xi sitwazzjoni li aħna ma nafux biha u għalhekk ma jħossx li jista jerfa din ir-responsabilita' l-aktar peress li l-ammont hu wieħed sostanzjali.

30.7.7 Is-Segretarju ippreżentat din il-lista ta korrispondenza li ġew iċċirkulati mill-aħħar laqgħa sad-data ta din il-laqgħa :

| Date sent | From | Title |
|---|---|---|
| 20/02/2026 | ERA | ERA Awards 2026 - Call For Submissions |
| 20/02/2026 | AKL | Ċirkulari AKL 2026/018_Bus Shelters Seminar 26/03/2026. |
| 23/02/2026 | AKL | Ċirkulari AKL 2026/019_ARLEM Award – Young Local Entrepreneurship in the Mediterranean. |
| 23/02/2026 | DLG | Participation – Malta MilitaryGames 24 till 26 April 2026. |
| 24/02/2026 | Maria Camilleri | Stedina u Abooz tal-Agenda tal-Konferenza tal-NCPE għall-Jum Internazzjonali tal-Mara |
| 24/02/2026 | Reġjun Għawdex | Region of Gastronomy Opening Event |
| 24/02/2026 | Reġjun Għawdex | Launch of Wonder of Gozo |
| 26/02/2026 | Reġjun Għawdex | Applikazzjonijiet tal-Permessi |
| 27/02/2026 | AKL | Ċirkulari AKL 2026/020 _GovTech4All – Malta Local Councils AI Pilot. |
| 02/03/2026 | GRDA | Invit - The Climate Funding |
| 02/03/2026 | Sara Feigo | 2nd EU Community of Practice - Learning Together for a Just Clean Energy Transition |
| 03/03/2026 | DLG | Invitation for the Call for Participants for the No Hate Speech Week 2026 (17-19 June 2026). |
| 03/03/2026 | DLG | webinar - EIT Culture and Creativity – Cities and Regions Network. |
| 04/03/2026 | AKL | Ċirkulari AKL 2026/021_Aġġornament dwar ħlasijiet lill-Pulizija u garanzija bankarja għal attivitajiet esterni. |
| 04/03/2026 | AKL | Circular AKL 2026/022_Green Space Survey. |
| 04/03/2026 | AKL | Ċirkulari AKL 2026/020_GovTech4All – Malta Local Councils AI Pilot. |

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

| | | |
|---|---|---|
| 05/03/2026 | Reġjun Għawdex | Applikazzjonijiet tal-Permessi |
| 05/03/2026 | AKL | Circular AKL 2026/023_ALDA General Assembly 2026. |
| 05/03/2026 | MCLG | Kidney Awareness Week and Fun Walk. |
| 05/03/2026 | GRDA | European Crafts Days 2026 – Malta Edition. |
| 09/03/2026 | Aaron Camilleri | Collaboration Opportunity – MWBA Outreach Project |
| 14/03/2026 | DLG | Skemi ta' Finanzjament 2026 (L-Ewwel Parti). |
| 14/03/2026 | DLG | Skemi ta' Finanzjament 2026 (It-Tieni Parti). |
| 14/03/2026 | Commisioner for Children | **TFULIJA** - Letter sent from Ms Antoinette Vassallo, Commissioner for Children and Hon. Alison Zerafa Civelli, Parliamentary Secretary for Local Government. |
| 14/03/2026 | AKL | Ċirkulari AKL 2026/026 Central Bank of Malta - Eurosteps Walking Challenge. |
| 14/03/2026 | GRDA | Bicycle Racks |
| 16/03/2026 | Local Government | Press Conference – Digitalisation of Local Council Services. |
| 16/03/2026 | AKL | Circular AKL 2026/019_ARLEM Award – Young Local Entrepreneurship in the Mediterranean. |
| 20/03/2026 | AKL | Circular AKL 2026/018_Bus Shelters Seminar 26/03/2026. |
| 20/03/2026 | MGP | Stedina - Għal Għawdex' bit-tema 'infrastruttura' |
| 18/03/2026 | DLG | URBACT Action Networks – Open until 17 June 2026 |
| 23/03/2026 | Qala LC | Invitation - Qala Chocolate Festival |
| 23/03/2026 | MGP | Skema għall-Fondi Kulturali ta' Għawdex - Linji Gwida u Regolamenti |

**Talbiet/Ilmenti**

| | | |
|---|---|---|
| 26/02/2026 | | Rapport dwar muturi li qed jgħaddu isuqu minn fuq il-bankini ta' Triq il-Kappillan Ġużepp Hili meta jkun hemm it-traffiku. |
| 04/03/2026 | | PQ - 34820 - Kunsill Lokali -Ħmieġ tal-Annimali |
| 13/03/2026 | Agnes Grech | Talba biex isir patching fi Triq il-Kappillan G Hili quddiem ir-residenza numru 22. |
| 14/03/2026 | John Grech | Talba biex meta jerġgħu jinżebgħu s-sinjali tat-traffiku fi Trejqet Wara l-Idjar, jerġgħu jinżebgħu kif qiegħdin fil-preżent (jibqgħu telgħin sa tarf it-triq) |
| 15/03/2026 | Paul Cardona | Talba biex jinqala l-fanal li hemm mar-residenza numru 15, Triq Għajn Tuta minħabba xogħolijiet ta' kostruzzjoni. |
| 20/03/2026 | Gorg Camilleri | Talba biex jitħallew il-parking spaces mar-residenza tiegħu meta jinżebgħu s-sinjali tat-traffiku - Qalb Ta' Gesu Flat 3, Triq Għajn Tuta |
| 23/03/2026 | Michael Attard | Oġġezzjona għad-Double Yellow Line quddiem ir-residenza tiegħu. Ave Maria, 15, Triq Għajn Tuta |
| 25/03/2026 | John Grima | Talba sabiex isiru One Metre Double Yellow Lines mal-garage - Orchidea, Triq Għajn Tuta |
| 25/03/2026 | George Mercieca | Talba sabiex isiru One Metre Double Yellow Lines mal-garage - Recuerdos, Triq Għajn Tuta |

### 30.8 Attivitajiet fix-xhur li ġejjin;

30.8.1 Is-Sindku ippropona li bħas-sena l-oħra nerġaw norganizzaaw ħarġa ta Jum l-Omm. Wara li qablu l-membri ġie deċiż li ssir fit-tieni ġimgħa ta Mejju peress li fl-ewwel ġimgħa hemm diġà ippjanata attivita' tal-parroċċa. Il-membri qablu unanimament.

30.8.2 Is-Sindku ippropona ħarġa għal-Malta qabel ix-xhur tas-Sajf. Hu semma li waqt id-*Day Centre* ħafna issuġerew li imorru il-festa ta San Girgor, hu għalhekk ippropona li jekk ma hemmx xi oġġezzjoni tkun idea tajba. Għalhekk ġie deċiż li ssir fit-8 ta' April u li titħabbar fuq l-avvizi ta dan ix-xahar.

30.8.3 Is-Sindku informa lil membri li fil-prezent qed nistennew li jiġi iffinalizzat l-*poster* ta *Summer of Culture.* Hekk kif ikun lest se jintbgħat fuq ic-chat biex inkunu nistaw nipproċedu peress li z-zmien dieħel ġmielu. Hu xtaq jiddiskuti mal-membri kif l-aħjar jitmexxew *il-bars* waqt dan l-avveniment u il-ħlas. Wara diskussjoni ġie deċiż li ssir laqgħa mal-gruppi u jiġi deċiż minn ser ikun responsabbli. Ġiet diskussa ukoll jekk f'din l-attivita' issirx ukoll xi ħruq tan-nar. Is-Sindku informa lil membri li fl-aħħar laqgħa li saret mas-Supterintendent ġiet ikkonfermat d-distanza neċċessarja biex jinħaraq in-nar u jiġu osservati il-mizuri tas-sigurta Ġie deċiż li jkun jixraq li jkun hemm xi ħruq tan-nar, l-aktar peress li l-Fontana hi magħrufa għan-nar, għalhekk ġie deċiż li jingabru l-istimi relevanti. Is-Sindku ippropona li noħorġu sejħa għar-residenti li jbigħu l-ikel biex nofrulhom il-possibilita li jarmaw l-*stands* tal-ikel. Ġie deċiż li mmexxu hekk imma nagħmlulhom kundizzjoni li l-bejgħ tad-*drinks* issir biss mill-*bars* tal-għaqdiet.

30.8.4 Is-Sindku issuġġerixxa li għal-laqgħa li jmiss nistiednu lill Kappillan biex flimkien miegħu niddiskutu l-festa 2026 biex inkunu nistaw flimkien infasslu l-programm tal-attivitajiet. Il-membri qablu, għalhekk is-segretarju se tkun qed tinforma lill Kappillan.

### 30.9 Region of Gastronomy 2026;

30.9.1 Is-Sindku infurma lil membri li għada tagħlaq l-iskema tar-*Region of Gastronomy 2026* . Hu irrefera għal diskussjoni mhux uffiċjali li saret wara il-laqgħa b'urġenza dwar proposta biex terġa issir il-Festa tas-Salvatur, iżda meta is-Segretarju talbet gwida mir-Reġjun, ġie ikkonfermat li dak propost ma jistax issir. Is-Sindku għalhekk xtaq jara

jekk hemmx xi proposti li jistaw jiġu implimentati għal din l-iskema, peress li ma kien hemm l-ebda proposta oħra ġie deċiż li ma napplikawx.

**30.10 Applikazzjonijiet Skemi DLG 2026;**

30.10.1 Is-Sindku reġa fakkar lil membri li ġew ippublikati l-iskemi tat-2026. Hu xtaq jagħmel referenza għal skema *SPI/SCI/02/2026 -* ***Finanzjament – Lokalitajiet aktar nodfa.*** Hu ippropona li jekk ikun hemm qbil nerġaw napplikaw għal dan il-finanzjament, nagħmlu attivita' oħra ta tindif u naraw x'apparat għandu bżonn il-kunsill biex jgħin fit-tindif. Il-membri qablu unanimament.

30.10.2 Is-sindku irrefera għal-iskema *SPI/SCI/03/2026*- **Finanzjament - Milied 2026.** Hu wera ix-xewqa li bħala attivita' ma ssirx bħal dik tas-sena l-oħra u talab lil membri biex jiproponu xi attivita' li tista issir b'din l-iskema. Is-Sindku issuġerixxa ukoll li din is-sena l-armar tad-dwal tal-Milied issir b'*call for quotations.* Hu irrakomanda li din tinħareġ għal sena biss, il-membri qablu. Is-Sindku informa lil membri li *call for quotations* hi sa massimu ta €10,000,00 għalhekk hu propona li is-sejħa issir għat- Triq tal-Għajn u Triq John Gaspard Le Merchant u jekk l-istimi ma jaqbzux dan l-ammont nzidu ukoll Triq il-Kappillan Hili. Il-membri qablu unanimament.

**30.11 Aġġornament dwar Traffic Management Plan;**

30.11.1 Is-Sindku informa lill membri li intbgħatet l-ittra lir-residenti u 7 oġġezjonaw għal-*yellow line* quddiem ir-residenza tagħhom. Hu għalhekk li it-*Traffic Management Plan* ma jistax jiġi mplimentat. Wara diskussjoni il-membri preżenti qablu li nsaqsu lil TM nistawx inżidu biss 2 kaxxi tal-*parking bays* quddiem ir-*restaurant* u jsir refreshing taz-zebgħa. Wara din id-diskussjoni ġew approvati ukoll ir-rikjesti li daħlu mir-residenti ta din it-triq biex issirilhom il- *1meter double yellow line* mal-garaxxijiet tagħhom.

**30.12 Aġġornament tal-proġetti u skemi;**

30.12.1 Is-Sindku informa lil-membri li l-kuntratt tad-*Direct Order* ġie iffirmat imma imma kopja tiegħu għada ma waslitx il-kunsill. Wara ħafna telefonati ġie ikkonfermat li d-Direttur Ġenerali tinsab imsiefra. Kif dan il-kuntratt ikun f'idejna inkunu nistaw ninfurmaw lil-kuntrattur biex jipproċedi.

30.12.2 Is-Sindku informa li wasal iz-zmien li jinħareġ it-*Tender* għax-xogħolijiet tal-*finishing* taċ-Ċentru Ċiviku. Għalhekk hu staqsa lil membri jekk hemm xi ħadd minnhom li jrid ikun parti mill-*Evaluation Board* ma kien hemm l-ebda konkorrenza u għalhekk ġie deċiż li joqgħod is-Sindku. Wara li ġie deċiż dan kompla billi staqsa lil membri biex jara jridux jinnominaw lil xi Inġinier jew lil xi persuna teknika li tifhem u tista tevalwa il-kriterji neċessarji, biex jiġi rrakkomandat lil min jingħata it-*tender*. Ma kien hemm l-ebda suġġerimenti u għalhekk is-Sindku ippropona lil Ing Mario Cauchi and Ing Jeffrey Muscat kif issuġġerit Michelle Vella. Ma kien hemm ebda oġġezjoni u għalhekk ġew ikonfermati minn naħħa tal-kunsill.

30.12.3 Fuq l-proġett tal-*finishing* taċ-Ċentru Ċiviku is-Sindku xtaq jippproponi li jekk ikun hemm qbil nibdew il-proċess ma *Interior Designer* li jkun jista jagħtina ideat. Ġie deċiż li nkellmu lil Sara Ann għal stima.

**30.13 Tmiem il-laqgħa u data tas-Seduta li jmiss;**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-08:45 ta' filgħaxija. Ġie deċiż il-laqgħa li jmiss tkun nhar it-Tnejn 20 ta' April fit-06:00 p.m.

Konfermati, llum, it-Tnejn, 20 ta' April, 2026.

Thomas Mizzi
Sindku

Loretta Cauchi
Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI FONTANA